KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11 Tlieta 7 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Abela – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, tal-Kunsilliera Rachel Abela u Mikhail Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10
11.2.1 – REF: 9.4.1 Outdoor Gym Equipment
Is-Sindku nfurmat li l-kwotazzjoni irċevejnija, għalhekk issa fadal biex napplikaw.

11.2.2 – REF: 10.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Contracts Manager
Is-Sindku nfurmat li ħa tgħati dettalji iktar il-quddiem peress li ħa ssir laqgħa mar-reġjun fuq din il-materja.

**11.2.3 – REF: 10.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku -Internet Service CCTV**
Is-Sindku nfurmat li qed nistennew l-installazjoni mil GO plc, u Santa Margerita ħa titressaq l-kwotazzjoni għal-approvazjoni tal-Kunsill iktar tard waqt din il-laqgħa.

Fis 6:40 daħal għal-laqgħa l-Viċi Sindku Christopher Grech.

**11.2.4 – REF: 10.4.2 – Bdiel ta' isem ta' Sqaq San Anton Abbati numru 1.**
Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kellnhiex risposta mil li-Street Namin Committee. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejnhiex risposta.

**11.2.5 – REF: 10.5.4 Approvazzjoni ta Pjan ta Ħidma 2020-2024**
Il-Kunsillier Cassar nforma li fadal jibgħat xi *update* lis-Sindku, u staqsa jekk għalkemm kien iż-żmien tal-festi jekk hux finalizzat. Is-Sindku nfurmat li llum is-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa ma l-*accountant* tal-Kunsill u għadna qed niffinalliżżaw peres li reċentement irċevejna l-allokazzjoni għal-2020 mid dipartiment. Iktar il-quddiem is-Segretarju Eżekuttiv ħa tgħati *update* fuq l-allokazzjoni.

**11.2.6 – REF: 10.4.1 – Ċerimonja Triq il-Bażilika.**
Il-Kunsillier Camilleri ikkongratula lil-Kunsillier Cassar ta' l-organizzazjoni, li kienet sabiħa. Il-Kunsillier Cassar nforma li kumment li rċieva kien li ma ntbgħatux inviti lil membri Parlamentari Mostin.

**11.2.7 – REF: 10.4.11 – Pjazza Nerik Mizzi**
Il-Kunsillier Deguara staqsa x'ġie deċiz. Il-Kunsillier Camilleri nforma li ħa jiġu ordnati t-tabelli biex il-vetturi jipparkjaw bl-*exhaust* il-barra.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 10.

## 11.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 11.3.1 Korrispondenza – Talba għal Sleeping Police fi Triq il-Baqqunier
Is-Sindku qrat it-talba min resident biex issir *sleeping Police* fi Triq il-Baqqunier, minħabba sewqan eċċessiv. Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li fl-opinjoni tagħha din it-triq mhux triq li ttik li ssuq ħafna fija, u bħalissa qed tintuża min sewwieqa li ma jafux sew l-inħawi.

Il-Kunsillier Cassar ssuġerixxa li peres li hija l-ewwel talba, nistennew biex naraw jekk ma żmien nirċevhux min iktar residenti.
Il-membri preżenti unanimament ma qablux li għanda ssir din l-*isleeping police,* u dawn it-talbiet għandhom jiġu kkunsidrati fejn hemm vera bżonn għax ħa nintlew b'ħafna *sleeping police* ġewwa l-Mosta, aparti li jkun hemm bżonn jsir *traffic manangement report.*

### 11.3.2 Korrispondenza -Quote for new installation of Lamp in Triq Patri Avertan Fenech
Is-Sindku resqet kwotazzjoni ta' €4,686 biex tiġi nstallatta lampa ġdieda fi triq Partri Avertan Fenech, fejn hemm bżonn jsir *trenching works.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li din il-kwotazzjoni fl-opinjoni tiegħu hija għalja, għal żewġ lampi, u għalhekk issuġġerixxa li jistaw jitwaħħlu lampi fit-truf tal-binjiet, u jkunu diretti lejn il-post li huwa mudlam, u niffranakaw l-infieq fuq żewġ arbli għax jitwaħħlu mal ħitan. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li diġa hemm, imma xorta hemm dlam ċappa fil-parti li hemm bżonn li tkun mdawla, għalhekk staqsiet tistax ssir lampa as-solar. Is-Sindku nfurmat li dawn it-tip ta' lampi

ma jurux ħafna, peress li jiddependu min kemm jieħdu xemx il-panelli. Il-Viċi Sindku nforma li jekk hemm bżonn, titwaħħal waħda, u biex innaqqsu mil-ispejjes tat-*trenching* tersaq ftit. Il-Kunsillier Camillieri staqsa jekk tistax teħel ma ħajt, u l-Viċi Sindku nforma li m'hemx fejn, u jekk hemm bżonn lampa din għanda ssir. Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk tistax teħel mal-ħajt, u l-Kunsilliera Bonnici reġet nfurmat li m'hemx fejn għax it-triq tikser. Il-Kunsilliera Rapa staqsiet jekk hemx alternattivi, u l-Viċi Sindku qal li m'hemx. Il-Kunsillier Gatt qal li fuq naħa hemm ċint u n-naħa l-oħra ħajt ta' għalqa.

Is-Sindku nfurmat li l-ewwel opzjoni hija li nibgħatu lil-kuntrattur biex nipruvaw noħorġu b'alternattiva oħra li hija irħas, it-tieni opzjoni hija li jekk ma hemx alternattivi oħra, min hu komdu li nħallsu is-somma ta' €4,686? Il-Viċi Sindku qal li jekk m'hemx alternattiva oħra din trid issir, u għalhekk talab biex jittieħed vot la ma kienx hemm qbil unanimu, għax fejn irridu nonfquhom il-flus fuq l-pastizzi u l-għaġin. Il-Kunsillier Cassar qal hu qatt ma għamila, u li mhux il-punt, imma kwazi 5,000 Ewro huma ħafna. Il-Viċi Sindku qal aħseb u ara biex nonfqu fuq għaġin u pastizzi. Il-Kunsillier Camilleri qal lil Viċi biex ma jġibx skuzi għax mhux vera Il-Kunsillera Bonnici qalet jekk nistawx nmorru naraw ż-żona wara l-laqgħa li kull ma hi tefa ta' ġebla l-bogħod, u l-Viċi Sindku kompla jgħid li qisna ma nafux l-*area*, qisna ġejna mil-Amerika. Is-Sindku waqfet id-diskussjoni u nfurmat li ħa tkellem lil tal-MicaMed biex naraw x'jista jsir, u l-Kunsilliera Bonnici reġet qalet li aħjar nmorru fuq il-post għax aħna nafu l-post sew mhux il-kuntrattur, għax tal-Micamed fuq pjanta jaħdem. Il-Kunsillier Cassar nforma li tal-MicaMed jmorru jaraw l-post. Il-Viċi Sindku staqsa taħt min jaqa d-dekasteru tad-dawl, u l-Kunsillier Cassar qallu li m'għandux x'jaqsam, u l-Kunsillier Deguara qal li ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-Viċi Sindku fil pront qal li biex jieħu ħsieba l-Kunsillier responsabli, mhux qisna hawn elf u miljun professur. Il Kunsillier Camilleri qal 'li mela ma nistawx nitkelmu, la aħna professuri?' Il-Kunsillier Cassar saqsa lil Viċi jekk dan hux ir-rispett li għandu lejn il-Kunsilliera, u l-Viċi Sindku irrisponda li hemm ħafna iktar affarijiet importanti x'jiġi diskuss, u kull ma staqsa taħt min jaqa d-dekasteru tal-lampi, biex jieħu ħsieb jmur jara l-post. Is-Sindku fil-pront irrispondiet li vera hemm iktar affarijiet importanti, imma din hija talba tar-residenti u li għalhekk qegħdin hawn.

Fit 8:40pm Il-Kunsillier Camilleri talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

Il-membri preżenti unanimament talbu biex il-kuntrattur jipprovdi soluzjoni oħra li tkun irħas. Jekk m'hemx alternattivi oħra, il-membri preżenti approvaw li ssir din il-lampa ġdieda fi Triq Patri Avertan Fenech, u jekk hu possibli titnaqqas id-distanza ta' *trench works* li trid issir.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jestendu t-tlett sigħat tal-laqgħa b'nofs siegħa.

### 11.3.3 Korrispondenza - Speed Moderator Triq Patri Guze Delia

Is-Sindku nfurmat li rċevejna talba għal-*speed moderator* fi triq Patri Guze Delia, u l-ittra ntbgħatet lir-residenti. Is-Sindku nfurmat li rċevejna oġġezzjoni, għalhekk ħa terġa tintbgħat ittra lir-residenti biex nistaqsu min hu lest li jaċċetta *speed moderator.*

### 11.3.4 Korrispondenza - Street Art permission

Is-Sindku nfurmat li rċevejna korrispondenza b'talba għal permess biex jagħmlu *street art* relatat ma speċi Maltin li huma mhedda ta' naħal, farfett il-lejl, orkidej selvaġġ u flora Maltija. Iż-żebgħa li ħa tintuża hija favur l-ambjent u mhux tossika.

Il-Membri preżenti unimament approvaw li din l-arti ssir mal-ħajt faċċata tal-pont. Il-Kunsilliera Bonnici ħa tibgħat pjanta tal-post.

### 11.3.5 Kommunikazzjoni – Kwotazzjoni tas-CCTV Camares fiż-żewġ żoni tal-Mosta

Is-Sindku nfurmat li ntalbu kwotazzjonijiet min kumpaniji differenti iżda kumpanijja waħda bgħatet il-kwotazzjonijiet. Il-kwotazzjonijiet huma biex jsiru żewġ *cameras* għal moniteraġġ minħabba abbuż, fi Pjazza 16 ta' Settembru u Triq iz-Zakkak.

Opzjoni A = €1,834 eskluz VAT – żewġ *cameras* bi *cloud storage* għal-sena.
Opzjoni B = €1,865 eskluz VAT – żewġ *cameras* bl-*nvr storage*.
Opzjoni Ċ = €4,690 eskluz VAT – żewġ *cameras* bi *cloud storage* bi 300 terabytes.

Il-Membri preżenti unimament approvaw il-kwotazzjoni opzjoni B = €1,865.

### 11.3.6 Kommunikazzjoni – Tat-Tarġa Battery Utility meters L1127/1965/1

Is-Sindku nfurmat li l-Lands Department kelmuna li jridu jinqalbu l-meters tad-dawl u l-ilma, għax qatt ma nqalbu fuqna min meta Tat-Targa Battery ġiet f'idejn il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-Lands li l-ewwel trid titella Kunsill peres li dan l-arranġament sar qabel żmiena u għax l-ammont huwa ta' 6,194.84 Ewro.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kemm il-darba l-Kunsill talab lil Lands biex jinqelbu l-*meters*, aparti li l-Kunsill kien irraporta wkoll li l-*meters* kienu imbagħbsa, u ħadd ma ġie jiċċekja. Il-Kunsill ħa tat-Tarġa Battery f'idejħ fl-2012 bi *squatter* ġol-post bl-ID Card fuq tat-Tarġa Battery. Kien ġie rrapurtat lil Lands li hemm *squatter* fejn dan eventwalment telaq mil-post fl-2015. Fil-fatt bejn 2012 u l-2015 il-Kunsill ma għamel l-ebda proġetti f'dan il-post sakemm ma ħadu l-post f'idejhom l-Mosta Scouts Group fi Frar 2016 u ġie ffirmat l-kuntratt bl-i*squatter* jitlaq min dak in-nhar. Il-kunsillier Cassar żied jgħid li ftit ilu ġie uffiċjal tal-Lands u ħa r-*readings,* u l-iscouts għandhom r-*readings* ta' meta sar l-Kuntratt u ħadu f'idejhom l-post.

Il-membri preżenti unanimament qablu li la saru r-rapporti meħtieġa, l-kont li għandu jitħallas jkun min Frar 2016 min meta ħareġ l-isquatter.

### 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni Re Contracts Manager

Is-Sindku nfurmat li din ħa tiġi diskussa reġjonali l-ġimgħa d-dieħla bħala Kunsill x'nixtiequ u x'għandna bżonn. Is-Sindku żiedet tgħid li staqsew għalxhiex l-Kunsill tal-Mosta, peress li żona kbira, ma jkollnhiex CM għalina waħdu. Din tista tkun problema jekk jkun ma jiflaħx jew jweġġalek u joħroġ b'xi 6 ġimgħat leave, jew anke bżonn ta safar, għalhekk tajjeb li nkunu parti mir-reġjun bħala kumpanija ħalli dejjem jkun hemm *replacement*.

Il-Kunsilier Camilleri staqsa biex jekk nmorru għal impjegat nmportanti li fil-kuntratt jitniżżel li jkun hemm sostituzzjoni għalli jista jinqala', sew fejn jidħol *leave* u *sick leave* fit-tul. Il-Kunsillier Howard qal li dejjem aħjar nmorru mar-reġjun għax inkella nispiċċaw irridu nħallsu *extra* għas-sostitut, aparti wkoll fejn jidħol r-riskju ta' *health and safety*. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li ċ-ċirkulari li rċevejna huwa li nistaw nmorru għal-impjieg wkoll minbarra tender.

Il-membri preżenti unanimament qablu li naraw bħala reġjun x'ser jkun offrut, kif wkoll kif ser isir il-moniteraġġ li l-CM vera ħa jkun qed jgħamel is-sigħat mitlubien, jekk hux ħa jitħallas rata fissa, paga jew *commission.* Skond il-pakkett offrut il-Kunsill jiddeċiedi jekk joħroġx tender

għalieħ jew jingħaqad mar-reġjun.  Sar qbil wkoll li x-xogħol ta' CM jkun ta' bejn 30 u 40 siegħa fil-ġimgħa, liema sigħat jkunu idealment ta' rata fissa għal-żmien il-festi.

### 11.3.8 Kommunikazzjoni – WSC2572/19 Triq Charles Vassallo

Is-Sindku nfurmat li l-kwotazzjoni tal-WSC li jrid jħallas l-Kunsill huwa ta' €5,738 u l-ammont tal-WSC huwa ta' €2,128.  Din il-kwotazzjoni hija biex jkunu jistaw jinbidlu s-servizzi.
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

### 11.3.9 Kommunikazzjoni - Termination Contract KLMT06/2017-Cleaning of Public Conveniences

Is-Sindku nfurmat li l-kuntratt tal-Public Toilets ġie t-terminat fis- 6 ta' Diċembru 2019 u l-kuntrattur l-ġdied beda fis-7 ta' Diċembru 2019.

### 11.3.10 Kommunikazzjoni – Commencement notices rubble walls

Is-Sindku nfurmat li staqsiet lil-Perit tal-Kunsill jekk il-*commencement notices* ġewx sottomessi, pero għadu ma rrispondhiex.

### 11.3.11 Kommunikazzjoni- Karnival 2020 fil-Mosta

Is-Sindku nfurmat li rċevejna *email* mingħand Events Organisers and Entertainment Agency dwar attivitajiet għal-żmien il-karnival ġewwa l-Mosta.
Il-prezz huwa ta' €795 inkluz VAT, u l-programm huwa mgħamul min :

- Parteċipazzjoni min diversi skejjel taz-zfien
- Komika jew folklore
- Preżentatur għas-serata kollha
- Koordinatur fuq il-post
- Sound System

Il-Kunsillier Howard ssuġerixxa li nħajru xi gruppi biex jgħamlu karru tal-karnival u jkun hemm kompetizzjoni.  Is-Sindku qalet li għalkemm idea tajba naqra żmien qasir peress li kull ma fadal xi 6 ġimgħat.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li ssir attivita għal-żmien il-karnival kif wkoll jekk tkun possibli nżiedu banda mil-lokal.  Is-Sindku għaddiet id-dettalji lil-Kunsillier Camilleri biex jiltaqa' ma l-organiżżaturi, biex nipjanaw attivita tal-karnival.

### 11.3.12 Kommunikazzjoni- Applikazzjoni għal-Lampa ġdida-Triq is-Sagra Familja

Is-Sindku resqet applikazzjoni biex jsiru żewġ lampi ġodda fi Triq Sagra Familja.  Qed tiġi mressqa din l-applikazzjoni peress li jridu issir fuq arblu.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jsiru dawn il-lampi ġodda fi Triq Sagra Familja.

### 11.3.13 Kommunikazzjoni- Installation of Lamp Triq il-Biedja

Is-Sindku resqet applikazzjoni biex ssir lampa fi Triq il-Biedja k/m Triq Patri Guze Delia.  Qed tiġi mressqa din l-applikazzjoni peress li kella titneħħa lampa sakemm inbniet blokka appartamenti, u issa li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni r-residenti ma jridux il-lampa mal-faċċata.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jekk ir-residenti issa ma jridux il-lampa mal-faċċata fejn kienet, wara li ffirmaw l-applikazzjoni biex titneħħa u terġa tiġi nstallata, mela jridu jħallsu għal-arblu la issa għaddew id-dawl min taħt il-bankina.

11.3.14 Kommunikazzjoni- Allokazzjoni mil-Gvern għal-2020

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-allokazzjoni għal-2020 hija ta' € 1,385,145.

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni 2019 | € 1,304,076 |
| Tipping fees addizjonali 2018 – mħallsa mid DLG f'Ġunju 2019 | € 67,957 |
| Allokazzjoni kkalkulata mill-ġdied tal-2019 | € 1,372,033 |
| | |
| Allokazzjoni 2020 | € 1,385,145 |
| Żieda 2020 | € 13,112 |
| % Żieda | 1% |

*L-allokazzjoni ma tinkludhiex:

~ tipping fees addizjonali ta' 2019 li normalment jitħallsu mid-DLG fis-sena ta' wara (2020). Din il-materja ġiet mtella mad-DLG mil-ANSEK
~ Is-Salarju ta' Contracts Manager
~ Żieda fl-onorarja tas-Sindku u Kunsilliera
~ 5% management fee għal-tenders ġodda
~ żidiet addizjonali fi spejjes bħal salarji, tenders, spejjes amministrattivi etċ.

11.3.15 Kommunikazzjoni- Breakdown Expenses Re Magazine

Is-Sindku talbet lil membri preżenti biex jgħatu *feedback.*

Il-Kunsillier Deguara qal li bħala preżentazjoni kien tajjeb, kien hemm xi żbalji tal-Malti, u dam biex ħareġ. Is-Sindku nfurmat li ma kienx mistenni li jdum daqshekk inkluz l-*printing.*

Is-Sindku nfurmat lis-spejjes tal-*magazine* kienu dawn:

- Spejjes €5,683
- Tqassiem €561.39
- Reklami mibjugħin €3,755 (mħallsien €2,370) (kalkolazzjoni fuq ħarġa waħda)
- Reklami li għad jridu jitħallsu €1,385 (kalkolazzjoni fuq ħarġa waħda)
- Kommissjoni mħallsa €555.75 (kalkolazzjoni fuq il-ħarġiet kollha)
- Kommisjoni li għad trid titħallas meta jiġu bbukkjati r-reklami €52.50

Il-Kunsillier Cassar ssuġerixxa li biex innaqsu l-ispiża, nagħmlu inqas paġni u l-Kunsilliera ma jiktbux f'kull edizjoni, imma jiktbu darb iva u darba le.

11.3.16 Kommunikazzjoni- LC Care & Library Funding

Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera Abela li bħala LC Care kemm niffirmaw u ħa jkollha proġett ta' €10,000, maqsumien fi €8,000 proġett ta' LC Care u €2,000 ħa jitħallsu mil-Kunsill.

Is-Sindku dawret mal mejda l-applikazzjoni fejn dawn il-flus ħa jintużaw fi *neutering*, ikel u affarijiet oħra. Is-Sindku għaddiet id-dokumenti lil Kunsilliera Abela biex tibda taħdem fuq dan il-proġett.

Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera Rapa li bħala fondi tal-librerija dan diġa ġie iffirmat u l-fondi huma ta' €2,053. Is-Sindku għaddiet id-dokumenti lil Kunsilliera Rapa biex tibda taħdem fuq dan il-proġett.

**11.3.17 Kommunikazzjoni- Skema Achievers**

Is-Sindku nfurmat lil Kunsillier Zerafa biex jgħamel proposta. F'dan il-proġett jista japplika fuq attivita sportiva u l-fond huwa ta' massimu ta' €3,000. Is-Sindku għaddiet id-dokumenti lil Kunsillier Zerafa biex jibda jaħdem fuq dan il-proġett, liema sottomissjoni ġiet estiża għat-28 ta' Jannar.

**11.3.18 Kommunikazzjoni- Boroz**

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ħa joħroġ stqarrija għax ma jistax jibqa jidher ikraħ l-Kunsill minħabba n-nuqqas ta' tqassiem ta' boroz mil-Wasteserv. L-AKL ħa tinforma lil Kunsilli b'data sa nhar il-ħamis 9 ta' Jannar, jekk ma jkollnhiex data meta ħa jaslu l-boroz, l-Kunsill ħa joħroġ stqarrija.

**11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**11.4.1 – Clothes bin**

Il-Kunsillier Gatt talab biex ninfurmaw lil operatur tal-clothes bin, biex nressquwa minħabba li qed jintrema skart illegali madwara. Il-Kunsilliera Bonnici ħa tibgħat pjanta bl-indikazzjoni fejn trid tersaq.

**11.4.2 – Door Numbering**

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet informazjoni dwar *door numbering,* kemm saru, liema saru u liema huma dawk li ma sarux.
Il-Kunsillier Cassar nforma li huma id-Dipartiment tad Door Numbering Unit li jiddeċiedi liema jsiru u l-proċess huwa f'idejhom. Jista jkun wkoll li għadhom ma lestewx kollox.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa tibgħat il-lista lil-Kunsilliera Rapa.

**11.4.3 – Triq Anġlu Gatt**

Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm parking fi Triq Anġlu Gatt li ħemm bżonn jsir kaxxa bajda ta' *parking*, għax issa s-sit ta' kostruzzjoni lest.

**11.4.4 – Reklami**

Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar ir-riklami tal-Milied. Is-Sindku nfurmat li dawn ħa jiġu mroddijien lura lil kull min ħallas għal-reklam, għax ma leħaqx sar ir-*recordings.*

**11.4.5 – Parkour**

Il-Kunsillier Zerafa qal li għandu ħabib tiegħu li jixtieq jkellem lis-Sindku dwar il-proġett tal-Parkour għax jixtieq jgħin. Is-Sindku nfurmat li jista jgħddilu il-kuntatt tagħha.

Fid-8:55pm il-Viċi Sindku talab biex jiġi skuzat.

**11.4.6 - PA/09711/19 Autofill Petrol Station**

Il-Kunsillier Gatt nforma li saret applikazzjoni biex din il-pompa tal-Petrol jsir *refurbishment,* kif wkoll tikber u ħa tgħalaq proprjeta ta' terzi liema proprjeta hija tal-familja tas-sur Gatt, kif wkoll ħa jitnaqqas xi parkeġġ. Għalhekk il-Kunsillier Gatt talab biex il-Kunsill jitlob lil perit tal-Kunsill biex jistudja l-kas, jivvalida l-applikazzjoni li hija skond il-*policies* u l-proċeduri, jħejji rapport, u tintbagħat l-ittra ta' oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Cassar nforma li bħalissa fil-parlament qed jsiru diskussjonijiet biex pompi tal-Petrol jinħarġu l-barra miċ-ċentri, għalhekk nistaw nargumentaw li bil-ħsieb u l-*committment* li għandu l-Gvern Ċentrali, kif l-istess Gvern u l-Planning Authority tista tivvalida din l-applikazjoni?

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li ħa jiżdiedu l-pompi u probabilment jried jħaffer għal ħażna ta' iktar *fuel.* Qegħda ġo triq residenzjali u arterjali u hemm *policy* ta' kif għandhom jkunu pompi tal-petrol. D-deċizjoni x'aktarx tkun f'idejn Transport Malta għax hija triq arterjali, u l-Kunsill ma jkollhux vuċi biżejjed biex jkollu rapreżentazjoni b'saħħita. Għalhekk l-ewwel irridu naraw r-rapport tal-Perit tal-Kunsill.

### 11.4.7 – Bejjiegħa tal-monti

Il-Kunsillier Gatt nforma li l-vetturi għadhom qed jostakolaw l-bankini. Is-Sindku nfurmat li kienet hemm il-bieraħ fejn tkelmet ma wħud mil-bejjiegħa tal-monti, u ftit kien hemm vannijiet ta' sidien il-monti li kienu pparkjati ħazin.

Il-Kunsillier Cassar fakkar li aħna Kunsill Lokali mhux Gvern Ċentrali u aħna bħala Kunsill ma nistawx ngħamlu wisq ħlief li forsi niktbu lit-Trade Department u nirrapurtaw l-ilmenti li qed jaslu l-Kunsill, pero rridu nkunu realistiċi li kultant għalxejn. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li għalhekk biex forsi jkollna s-saħħa, ngħamlu *bye-law* biex niprovdu *mobile-toilets* u l-bejjiegħa jħallsu lil-Kunsill fis-sena, li biex bejjiegħa joħorġlu l-permess biex jarma, jrid jħallas mhux il-liċenzja biss, imma wkoll il-kirja tal-*mobile toilets* li trid titħallas min kulħadd.

### 11.4.8 – Il-Pont tal-Mosta

Il-Kunsillier Gatt ressaq suġġeriment biex inġibu kwottazzjoni biex jinxtel il-Pont. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-ideja biex jinxtgħal il-pont, fiż-żmien l-eks Sindku Edwin Vassallo u l-eks Kunsillier u Minority Leader Alex Muscat kien hemm proposta biex il-pont jiġi msebbaħ u jiġu evitati suwiċidji.

Fost il-proposti kien hemm biex jinżabru s-siġar u jinżammu baxxi, u jsir *recessed lighting.* Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li fiż-żmien s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Mifsud, kien ħa ħsieb ġabar xi kwotazjonijiet li kien jammonta għal madwar 9,000 Ewro, fejn l-eks kunsillier Alex Muscat iprova jbiegħ l-idea lil Dipartiment tal-Works, peres li l-kwotazjoni kienet għalja. Pero' id-Dipartiment tal-Works ġew lura biss bil-proġett biex jsiru l-*gates* mal-pont, u għalhekk ma kienx sar id-dawl peres li l-Kunsill kien marbut li ma jgħamilx proġetti kapitali.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kienet ser tidaħħal mal-proġetti tal-PAMA pero' intgħażlu proġetti oħra. Il-pjan dwar il-proġett tad-dawl mal-pont kien biex id-dawl jsir fuq iż-żewġ naħat tal-pont fil-parti fissa fejn hemm il-balavostri. Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li mall-kwotazzjoni kien hemm pjanta u jemmen li nistaw nġibu kwotazjonijiet aħjar.

Il-Kunsillier Cassar qal li dwar id-dawl ta' taħt irridu noqgħodu attenti għax meta l-Kunsill kien għamel żewġ *flood lights* biex jittaffa d-dlam li kien hemm, kien kitbilna persuna li huwa ntiz fl-ambjent, fejn nfurmana li f'Wied il-Għasel ibejjet tip ta' farfett il-lejl li mhux komuni, aparti li d-dawl jaffetwa wkol il-*flora* u l-*fauna* tal-wied. Il-Kunsillier Cassar kkonferma li dan huwa minnhu għax meta marru l-iscouts jgħamlu *abseiling* bil-lejl u xegħelu d-dawl, ħarġu ammonti kbar ta' friefet il-lejl.

Il-Kunsillier Deguara żied jgħid li l-*gates* mal-pont kienu saru temporanji, u għalkemm importatni ħafna is-sigurta, huma *eye sore.* Għalhekk il-Kunsillier Deguara ssuġġerixxa biex forsi nikkunsidraw li eventwalment flok jkun hemm *gates* tal metal fuq iċ-ċinta tal-pont, ssir l-istess sistema fejn il-metal jkun mwaħħal angolat mal ġnubijiet tal-pont mal-livell tat-triq. Il-Kunislliera Bonnici resqet ssuġġeriment ieħor fejn nistaw nikkunsidraw *perspex* oħxon flok il-*gates.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li oriġinarjament il-metal kellu jsir kif qed jispjega il-Kunsillier Deguara, imma d-Dipartiment tal-Works kien sab diffikulta kbira kif ħa jeħel, u rrikorra għand kumpanijji privati fejn taw stima għolja, u l-Kunsill kellhu jiddeċiedi biex jsir jew ma jsirx, u għalhekk il-Kunsill iddeċieda biex ix-xogħol jsir kif qiegħed illum.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li qed tiċċekja nistawx inġibu fondi biex jsir *hedging,* u jikber il-ħaxix mal-*gates* tal-metal.

Is-Sindku żiedet tgħid li bħala fondi tixtieq li ninkitbu mal Gal Majistral, pero bħal issa mhux *worthed* għax l-aħħar sena fadlilna.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex niċċekjaw jekk għandhiex kopji tal-pjanti ta' meta nġabru l-ewwel kwotazjonijiet tad-dawl.

### 11.4.9 – Truck tal-WasteServ Sort-It-Out

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk it-truck tal-Wasterve, jistax jkun f'żoni oħra. Is-Sindku nfurmat li l-Wasteserv għażlu żoni.

### 11.4.10 – Tabella Triq Baskal Buhugiar

Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm tabella biex ma jintremhiex żibel mal-kantuniera Triq Baskal Buhagiar. Din mid-dehra kienet hemm u tneħħiet.
Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li għad għanda tabelli jindikaw Liri Maltin, biex nieħdu ħsieb ħalli jinbidlu.

### 11.4.11 – Dekasteru Soċjali

Il-Kunsillier Deguara nforma lis-Sindku li rċeva *email* mis Sur Alex Tortell Kap MEAE, u qed jistenna risposta.

### 11.4.12 – Festa Sant Anton

Il-Kunsillier Cassar talab li għal festa ta' Sant Anton li ħa ssir 19 ta' Jannar, hemm bżonn jsir iż-żbir tas-siġar u *patching,* u jkun hemm il-kennies qabel u wara l-avveniment tat-tberik ta' l-annimali.

### 11.4.13 – Scaffolding

Il-Kunsillier Cassar talab biex tittieħed nota li fi triq il-Marquis Mallia Tabone hemm *scaffolding* li qed jgħalaq it-triq u bla dawl.

### 11.4.14 – Tintinnabru

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk sarx xi ħaġa fuq it-Tintinnabru. Is-Sindku nfurmat li għanda nota tagħha biex tkellem lid-Dipartiment, imma ma leħqitx minħabba impenji oħra, attivitajiet u festi.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li l-Kunsill kommess li jgħamlu, u jekk il-Kunsill ma jgħamlux, il-paroċċa parzjalment qed titlef li jista jidħol xi ħadd ieħor biex jgħamel it-Tintinnabru. Hemm qbil, u l-Knisja għanda l-kelma tal-Kunsill, u għalhekk importanti li nibqaw niġġieldu għalija, imma jekk id-dipartiment ħa jibqa jgħidilna le, mela rridu mil-aktar fiss ninfurmaw l-Knisja.

### 11.4.15 – PAMA
Il-Kunsillier Cassar informa li konna rċevejna liema toroq saru bil-bankini, pero' mingħajr mettraġġi. Il-kunsillier Deguara nforma li fuq il-lista hemm mniżżel li saret triq il-Mitbaħ u din ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

### 11.4.16– Yellow line quddiem Pet Shop
Il-Kunsillier Howard ressaq suġġeriment fejn hemm *pet-shop* fi triq Difiża Ċivili fejn qabel kien hemm *continuous yellow line.* Il-Kunsillier Bonnici nfurmat li dan ma jistax jsir u tneħħa għax kien bla permess. Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li nfurmat sid il-*pet shop* biex jiġi l-Kunsill japplika għal *un/loading bay*.

### 11.4.17– Website tal-Kunsill
Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex niċċekjaw kemm tiġi tiswa biex il-*website* tal-Kunsll jkun fija *tab* għalija bil-Malti, għax bħalissa għalkhemm mhux kull informazjoni qegħda bil-Malti. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din kienet iddiskutita mal *web developer*, pero' ma tiftakarx jekk kienx hemm xi problema teknika biex ssir jew kenitx l-sipiża biex ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex terġa titkellem mal-*web developer.*

### 11.4.18– Triq Kurat Schembri
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li triq Kurat Schembri l-parti li kienet saret ġdieda bil-*concrete imprint*, qegħda titqaxxar diġa għax l-ħwienet li hemm qed jarmu zjut, aċtu, *bleach* u affarijiet oħra. Dawn qed jgħamlu li jridu, u kien hemm ħanut minnnhom battal l-magni taż-żejt kollha għal-ġot triq. Spiċċajna bir-residenti jkollhom iż-żjut quddiem ir-residenzi tagħhom għal-ġranet twal.
Il-Kunsillier Cassar nforma li meta kien nqala' l-madum biex jsir il-*concret imprint* sabu lega ħadra ta' aċtu, li qata' t-tajn u l-konkos li kien hemm bejn il-madum. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li l-*concrete imprint* sar b'C25 konkos, xibka u bosta passati ta' *sealer.*
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tintbgħat ittra lil-tal ħwienet u tirraporta lil tas-sanita.

### 11.4.19– Tables and Chairs
Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex nimmarkaw l-art quddiem l-istabbilimenti li għandhom il-permess għat *tables and chairs,* li nistaw nġibuhom min fuq is-sit ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Kunsilliera Bonnici biex tibgħatila l-*link*, għax meta maret personali l-Awtorita ta' l-Ippjanar, ma ridux jtuwa l-pjanti, għax Perit biss jista jiġborhom.

### 11.4.20– Bulky Refuse Form
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li 'iktar l-quddiem il-formola tal-*bulky refuse* li hemm fuq il-Facebook u qed tinuża ħafna, tkun uffiċjali u mhux formola min fuq Survey Monkey.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien diskussjoni mar-reġjun biex is-servizzi jkunu kollha *online.*

Is-Sindku nfurmat li din kienet diskussa mas-*software developer* li konna qed niddiskutu miegħu biex issir parti mil-programm pero' kienet għalja.

### 11.4.21– Permessi Viżibli

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ħadd mhu qed jpoġġi l-permess viżibli. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li talbet lil-*front office* biex jibdew din il-proċedura u jinfurmaw lil kull min jiġi għal-permess jrid jwaħħal il-permess mal-faċċata, bħal ma jsiru ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar, pero' m'għandhiex kontrol fuq min mhux qed jwaħħal l-permess. Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid la din tgħin ħafna għax ir-residenti ta' spiss jibgħatu biex jiċċekjaw. Talbet wkoll, biex kuljum jintbgħatula l-permessi li jkunu nħarġu biex dawn jittellaw fuq is-sit elettroniku ta' Facebook.

### 11.4.22– Triq Kurat Schembri k/m Papa Piju XXVII

Il-Kunsilliera Bonnici ta' l-iscammel għadu qed jiġbor l-iskart fil-kantuniera ta' Triq Kurat Schembri k/m Papa Piju XXVII, u qed jdumu fuq il-post.

### 11.4.23– Kummenti li ntqalu mil-Viċi Sindku

Il-Kunsillier Cassar għamel referenza għal kummenti 'professuri' li għamel l-Viċi Sindku waqt il-laqgħa tal-lum. Il-Kunsillier Cassar sostna li huwa ovvju għalxiex l-Kunsillier Camilleri telaq mil-laqgħa. Il-Kunsillier Cassar irrimarka li dan ma kienx l-unika kumment ta' disprezz li l-Viċi Sindku għadda lejn l-intelliġenza tal-Kunsilliera, u li dan l-atteġġjament huwa mod arroganti ta' kif wieħed għandu jitkellem waqt laqgħa tal-Kunsill iktar u iktar meta Viċi Sindku jindirizza lil Kunsilliera sħabu.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li ra l-espressjoni tal-Kunsilliera preżenti x'ħin saru dawn il-kummenti, u talab lis-Sindku biex tiġbed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku biex kummenti bħal dawn ma jerġawx jsiru. Il-Kunsillier sostna li fin-nuqqas li jittiehdu passi fil-konfront tal-Viċi Sindku, huwa ser jkun qed jgħamel minn kollox sabiex tintalab skuza fil-konfront tal-Kunsilliera u jistenna li inċidenti bħal dawn ma jerġgħux isiru.

## 11.5 Rapporti

### 11.5.1 Update - Ingaġġ ta' Tlett Skrivani Full Time Skala 15/16

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew mil-Jobsplus kif wkoll l-applikazzjonijiet ta' Part 3. Is-Sindku nfurmat wkoll li nfurmajna lil JobsPlus li l-ingaġġ ħa jkun għal-Skala 16 biss, minħabba in-nuqqas fl-allokazzjoni.

### 11.5.2 Performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati

Il-membri preżenti approvaw il-*performance bonus* ta' 6% għal-impjegati u 10% għas-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 11.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 99.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 10 ta' Diċembru sas-7 ta' Jannar 2020.

### 11.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**11.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**11.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Diċembru 2019. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**11.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-11 ta' Frar 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 7 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |